**QORTI KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. EDWINA GRIMA., LL.D.**

**Att. T'Akkuza Nru. 06/2015**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Joseph Xuereb**

**Illum, 06 ta' Lulju, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 06 tas-sena 2015 kontra l-akkuzat Joseph Xuereb, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 105963M fejn l-Avukat Generali fl-ewwel u l-uniku kap ippremetta:

Illi fil-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) il-pulizija rċevew rapport dwar snatch and grab li kienet seħħet fuq Maria Carmela Zarb, mara anzjana ta' tmenin sena (80) ġewwa triq Parisio, Sliema għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (9:30am). Irriżulta wkoll illi min kien ikkometta dan id-dellitt kien daħal ġewwa vettura tal-għamla Peugeot 405 ta lewn blu bin-numru ta' reġistrazzjoni IAT681 fuq in-naħa tal-passiġier, li fi żmien l-inċident in kwistjoni kienet tappartjeni lil Joseph Xuereb qua l-akkużat f'dawn il-proċeduri.

Illi mill-investigazzjonijiet ulterjuri li seħħew irriżulta li waqt li Maria Carmela Zarb kienet fi triqtha lura id-dar tagħha mix-xirja u partikolarment meta kienet qed tiftaħ il-bieb ta' barra tar-residenza tagħha, semgħet raġel maskili javviċinha fejn saqsiha mistoqsija u hekk kif dawret wiċċha dan ir-raġel ħatfilha ġiżirana tad-deheb b'salib tad-deheb imdendel m'għoqha u telaq jiġri minn fuq il-post. Fortunatament il-vittma Zarb ma subiet l-ebda ġrieħi minn din l-aggressjoni. Irriżulta li din il-ġizirana kienet tiswa l-fuq minn mitejn, tnejn u tletin Euro punt erbgħa u disgħin ċentezmu (€232.94).

Illi fl-istess data tal-ewwel incident u ċioe` fil-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012), waqt li l-pulizija kienu qedgħin jinvestigaw il-każ ta' Maria Carmela Zarb u qabel ma ġie mitkellem l-akkużat Joseph Xuereb, ġiet irrapurtata serqa oħra liema serqa allegatament seħħet għall-ħabta ta' ħdax nieqes għoxrin ta' filgħodu ġewwa Triq Sir Hilderbrand Oakes, Gżira fuq il-persuna ta' Maria Abela, wkoll mara anzjana ta' tnejn u tmenin sena (82), fejn il-modus operandi ta' din is-serqa kienet tixbaħ ħafna dik kommessa fuq il-persuna ta' Maria Carmela Zarb.

Illi mill-investigazzjonijiet rigward dak irrapurtat irriżulta illi waqt li Maria Abela kienet qed tiftaħ il-bieb prinċipali tar-residenza tagħha ġiet avviċinata minn persuna maskili li messilha spallejha u kif dahret dan l-individwu ħatfilħa l-ġiżirana li kienet liebsa u telaq jiġri. Ingħatat deskrizzjoni tal-persuna li avviċinat lill-vittma fejn dan irriżulta li kellu madwar ħamsa u erbgħin sena, ta' karnaġġon samrani, xahru mqaxxra u li kien liebes qalziet tat-tip *bermuda* u top tat-tip *singlet*. Irriżulta wkoll minn stħarriġ li sar mill-pulizija li d-deskrizzjoni ta' dan l-agressur kienet tixbaħ dik tal-persuna li kienet avviċinat lil Maria Carmela Zarb u li sussegwentement kien ħarab minn fuq il-post flimkien mal-akkużat li kien qed isuq il-vettura tiegħu. Anki f'dan il-każ il-ġiżirana misruqa kienet tiswa l-fuq minn mitejn tnejn u tletin Euro punt erbgħa u desgħin ċentezmu (€232.94).

Illi ftit ġranet wara dawn iż-żewġ serqiet senjatament fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u dejjem qabel ma ġie mitkellem l-akkużat Xuereb, il-pulizija rċevew rapport ieħor mingħand Helen Vella, mara anzjana ta' tmienja u sebgħin sena (78), li rrapurtat li kienet għada kif sfat vittma ta' serqa ta' ġiżirana minn fuq il-persuna tagħha. Hi filfatt spjegat illi waqt li kienet quddiem ir-residenza ta' bintha għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħodu fi Triq Lorenza Gonzi, Ħal-Tarxien, ġiet avviċinata minn persuna maskili deskrit bħala raġel fastas, ta tul medju, kemxejn imbaċċaċ u bi tpinġija f'idejħ u liebes flokk ċar, liema raġel kellimha u kif dahret lejħ peress li ma fhemitx x'kien qalilha dan l-individwu ġibdilha l-ġiżirana tad-deheb li kienet liebsa u mal-ġibda hi waqet fuq il-bankina filwaqt li dan id-delinkwent telaq jiġri minn fuq il-post. Illi kaġun ta' din il-waqa' il-vittma Helen Vella ġiet ċertifikata li soffriet feriti ta' natura gravi f'idejha tant li kellha tiġi operata fejn din il-ferita kkaġunat debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' idejha, jew ġabet difett permanenti fl-istess id.

Irriżulta li għal darb'oħra l-modus operandi adoperat għal din is-serqa kienet tixbaħ ħafna dik utlizzata fis-serqiet precedent bid-differenza illi Helen Vella subiet feriti gravi kaġun ta' din l-aggressjoni. In oltre il-ġiżirana li kienet liebsa kienet tiswa il-fuq minn mitejn tnejn u tletin Euro punt erbgħa u desgħin ċentezmu (€232.94).

Illi meta l-akkużat ġie mitkellem fit-22 ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) dwar dawn is-serqiet kollha hu kkonferma li hu biss isuq din il-vettura u ma kien sellifha lil ħadd fid-dati u fil-ħinijiet tal-inċidenti u għaldaqstant irriżulta li l-akkużat kien is-sewwieq tal-vettura li ntużat u li b'hekk kien involut fis-serqiet in kwistjoni.

Illi b'għemilu Joseph Xuereb sar ħati bħala ko-awtur talli bejn il-15 ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u l-21 ta' Settembru tas-sena elfejn u

tnax (2012), ġewwa Tas-Sliema, Gżira u Ħal-Tarxien, fil-ħinijiet ta' filgħodu (bejn id-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30am) u l-ħdax u kwart ta' filgħodu (11:15am), b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni ta' liġi, u jkunu magħmula b'riżoluzzjoni waħda ikkometta serq aggravat bil-valur li jiskorri mitejn tnejn u tletin Euro punt erbgħa u desgħin ċentezmu (€232.94) u fil-każ tal-21 ta' Settembru 2012 aggravat ukoll bil-vjolenza (ferita gravissima fuq il-persuna ta' Helen Vella), b'dana illi din il-vjolenza ġiet diretta kontra persuna ta' l-fuq minn sittin sena (60).

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Xuereb u mogħtija bejn is-sena 1988 u l-4 ta' Marzu 2011, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati fosthom ħafna minnhom ta' serq.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lil Joseph Xuereb, reċidiv f'dellitt, ħati bħala ko-awtur talli bejn il-15 ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u l-21 ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012), ġewwa Tas-Sliema, Gżira u Ħal-Tarxien, fil-ħinijiet ta' filgħodu (bejn id-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30am) u l-ħdax u kwart ta' filgħodu (11:15am), b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni ta' liġi, u jkunu magħmula b'riżoluzzjoni waħda ikkometta serq aggravat bil-valur li jiskorri mitejn tnejn u tletin Euro punt erbgħa u desgħin ċentezmu (€232.94) u fil-każ tal-21 ta' Settembru 2012 aggravat ukoll bil-vjolenza (ferita gravissima fuq il-persuna ta' Helen Vella), b'dana illi din il-vjolenza ġiet diretta kontra persuna ta' l-fuq minn sittin sena (60); jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannati għall-piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn erba snin (4) u mhux aktar minn tletin sena (30), liema piena m'għandiex tingħata fil-minimum tagħha u b'żieda tal-piena ta' rekluzjoni għal mhux aktar minn tnax il-perijodu jew biż-żieda ta' pieni oħra stabbiliti fir-regolament tal-ħabs skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(a)(c), 262(1)(a),(2), 267, 274(a), 276A, 277(a), 279(a),

280(2)(3), 17, 18, 20, 23, 31, 49, 50, 289 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużati.

U peress illi l-imsemmi Joseph Xuereb kiser il-kundizzjoni imposta fuqu bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Xuereb datata l-14 ta' Marzu tas-sena elfejn u ħdax (2011) u dan billi kkometta reat/i volontarji li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża (tmintax–il xahar priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn snin) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għaldaqstant l-Avukat Ġenerali jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenza sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-akkuzat tas-17 ta' April 2015 li biha eccepixxa:-

1. L-inammissibilita ta' dik il-parti tad-deposizzjoni ta'l-ispettur Tony Cachia fejn tirrigwarda l-informazzjoni lilu moghtija dwar il-vettura Peugeot u dwar is-suppost identifikazzjoni maghmula fis-CID yard tal-istess vettura in kwantu din saret minn persuna li baqghet anonima u li qatt ma iddeponiet fil-kors ta'l-istuttorja.
2. Illi ghandhom jigu sfilzati mill-istqarrijiet ta'l-esponenti dawk il-partijiet fejn issir referenza ghall-precedenti tieghu u senjalatament dawk il-partijiet li jinsabu a folio 40 tal-process fejn hemm riprodott is-segwenti;

*M "ilu ma jkollok kaz maghna Jos?"*
*T "Iwa pero ghandi wiehed ilni ghaddej bih xi seba' snin."*

Kif ukoll dik il-parti tal-istqarrija li tinsab ukoll a folio 40 fejn hemm riprodott is-segwenti:
*M: "kellek xi sentenza sospiza inti li ghada ghaddejja?"*
*T: "Ma inwegibx."*

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tas-07 ta' April 2016 fejn l-kaz gie differiet ghas-sentenza fuq l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-akkuzat.

Fliet l-atti tal-kumpilazzjoni limitatament biex tindaga dwar l-eccezzjonijiet li iridu jigu decizi.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat.

Illi fl-ewwel eccezjoni minnu imqanqla l-akkuzat isib oggezjoni ghal dik il-parti tax-xhieda tal-ispettur Tony Cachia fejn jitkellem dwar l-infromazzjoni lilu moghtija dwar il-vettura Peugeot u dwar is-suppost identifikazzjoni maghmula fis-CID yard tal-istess vettura in kwantu din saret minn persuna li baqghet anonima u li qatt ma iddeponiet fil-kors ta'l-istuttorja. Illi jinghad minnufih illi l-eċċezzjoni ta' inammissibilita` ta' xhieda tippresupponi xi disposizzjoni tal-liġi li teskludi dik il-prova milli tinġieb 'il quddiem fil-proċess.

Issa, l-artikoli relevanti dwar il-*Hearsay Rule* huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9:

> **"598. (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.**

**"(2) Il-qorti tista', *ex officio*, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.**

**"(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet.**

**"599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jistax jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, taż-żwieġ, tal-mewt, tal-assenza, ta' servitu', ta' rjieħ ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd."**

**15.** Fis-sentenza tagħha ta' l-24 ta' Ottubru 2011 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Azzopardi**, il-Qorti Kriminali ċaħdet l-eċċezzjonijiet ta' inammissibilita` wara li kkunsidrat:

**"Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-*hearsay rule* f'kawżi ta' natura kriminali huwa *Subramaniam v. Public Prosecutor* fejn insibu dan il-kliem:**

***"'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to***

*establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'*

**"Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-*hearsay rule* fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U fil-fatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il-każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali.**

**"Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun *hearsay*, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi eskluża fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.**

**"F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu l-prattika dwar il-*hearsay rule*. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja[1]). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:**

**"'Fil-limiti tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorrenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li**

[1] Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja**, 26 ta' Mejju 2005: "Kwantu ghax-xiehda ta' Clarissa Cachia l-ewwel Qorti kienet ċara meta spjegat li l-kontenut ta' dak li qalet lill-Pulizija, fl-assenza tax-xiehda diretta tagħha, ma kienx jagħmel prova la kontra u lanqas favur l-akkużat. Mill-banda l-oħra spjegat korrettement li ċ-ċirkostanza li qalet ċertu diskors setgħet tittieħed bhala ċirkostanza li tikkorrobora dak li seta' qal ħaddieħor."

**prova *hearsay* ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 ta' April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mis-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri)."**

**16.** Fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Lulju 2012 fl-istess ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Azzopardi** mbagħad din il-Qorti kienet ikkummentat hekk:

**"18. … Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi *hearsay evidence* iżda jekk dak rapportat hux *hearsay evidence* jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun *hearsay evidence* u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx *hearsay evidence* u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra. Huma għal dawn ir-raġunijiet, kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti, li <u>din it-tip ta' xiehda ma tistax tiġi eskluża *a priori* iżda d-deċiżjoni dwar l-opportunita` o meno li titħalla tingħata dik ix-xiehda u titqiegħed quddiem il-ġurija trid neċessarjament tiġi rimessa lill-Imħallef togat li jippresjedi l-ġuri li jkun tenut jagħti d-deċiżjoni tiegħu skont iċ-cirkostanzi li fihom jiżvolġi l-ġuri u skont l-esiġenzi evidenzjarji u proċedurali tal-proċess.</u> …..**
(sottolinjar tal-Qorti)

**21. Iżda huwa proprju għalhekk li l-proċess tal-ġuri huwa presedut mill-Imħallef togat sabiex dan jassigura li tali abbuż ma jsirx. L-abbuż hu possibbli għar-rigward ta' kull regola legali tal-evidenza iżda dan ma jfissirx li minħabba tali possibilita` ta' abbuż dik ir-regola għandha tiġi skartata. Ir-rimedju hu dak li pprovdiet il-liġi u ċioe` li l-Imħallef li jkun jippresjedi l-ġuri ma jħallix l-abbuż jiġri suġġett dejjem għas-salvagward aħħari tad-dritt tal-appell tal-akkużat fl-eventwalita` li l-Imħallef jonqos milli jeżerċita sew is-setgħat tiegħu skont il-liġi."**

Huwa bil-wisq evidenti minn dan it-taghlim gurisprudenzjali illi sta ghall-Imħallef togat waqt il-ġuri biex jara illi ma jsirx abbuż fit-termini tas-sentenza precitata billi jikkontrolla x-xhieda u jispjega lill-ġurati r-regoli tal-*hearsay* kif indikat f'dik is-sentenza. Issa f'dan il-kaz dak li l-akkuzat qed isib eccezzjoni ghalih huwa ghal dik il-parti tax-xhieda tal-Ufficjal investigattiv li fil-kors ta'l-investigazzjoni tieghu kiseb informazzjoni kunfidenzjali li assistitu f'dik l-investigazzjoni. Issa il-posizzjoni tal-Ufficjal Prosekutur u Investigattiv meta huwa jaghti ix-xhieda tieghu sabiex jispjega il-kors li ha l-istharrig minnu kondott ai fini li jasal ghal malvivent, hija xi ftit jew wisq differenti minn dak tax-xhud ordinarju billi fix-xhieda tieghu huwa irid necessarjament jaghti stampa ta' dak li wasslu sabiex jigu istitwiti l-proceduri penali fil-konfront tal-persuna akkuzata fejn allura jista' jindika illi huwa kiseb informazzjoni minn sors kunfidenzjali li ma jistax jigi obbligat jizvela. Illi kif gie superjorement deciz:

***"Din il-Qorti ma tistax ma taqbilx li l-ufficjal tal-pulizija huwa obligat li ma jizvelax sigriet lilu fdat in konnessjoni mal-funzjonijiet tieghu bhala tali. Jekk il-ligi bhala element essenzjali ghall-amministrazzjoni gudizzjarja , xierqa, tal-gustizzja, tipprotegi lill-avukati u l-prokuraturi legali, fl-ewwel sub-inciz ta'l-artikolu 642, huwa difficli li din l-istess protezzjoni ma***

***tikkomprendiex ukoll lill-ufficjal tal-pulizija li waqt l-investigazzjonijiet tad-delitti jigi fdat, taht il-kappa tas-segretezza, b'informazzjoni relevanti ghall-investigazzjonijiet li jkun qed jikkonduci, jew biex jibda jinvestiga." – Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew sive Andrea Facchetti u Frederick Joseph Attard (09/06/1994)***

Dan dejjem irid isir bis-salvagwardji kollha li taghti l-ligi fejn allura l-Imhallef togat ghandu jaghti id-direzzjonijiet opportuni lill-gurati in konnessjoni mar-regola tal-*hearsay evidence* u liema piz ghandha tinghata lil din ix-xhieda fejn allura il-persuna li tkun tat l-informazzjoni ma tingiebx fil-qorti sabiex tixhed u allura l-persuna akkuzata ma ikollhiex kontroll fuq dak mistqarr minnha. Madanakollu din il-Qorti ma tistax taqbel ma'l-eccezzjoni sollevata mill-akkuzat illi *a priori* dik il-parti tax-xhieda tal-Ufficjal Investigattiv hija wahda inammissibbli u dan ghaliex l-persuna li ghaddiet l-informazzjoni lill-pulizija ma tistax tingieb biex tixhed sabiex tikkonferma dak minnha dikjarat ghaliex riedet tibqa anonima billi din tista' tikkostitwixxi prova ai fini tal-investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija izda mhux bhala prova diretta tal-kontenut taghha, kif inghad.

Ghal dawn il-motivi dina l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi jifdal ghalhekk biex tigi spjanta it-tieni u l-ahhar eccezzjoni rigwardanti ir-referenza ghal precedenti penali ta'l-akkuzat li jsemmi hu stess fil-kors ta'l-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija. Illi b'verbal tas-seduta tas-07 ta' April 2016, l-Avukat Generali, b'lejalta', iddikjara illi qed jaderixxi ruhu ma' dina l-eccezzjoni u jaqbel illi ghandhom isiru l-emendi relattivi f'din il-prova. Illi din il-Qorti ukoll tqies illi l-akkuzat ghandu ragun fl-oggezjoni tieghu u kwindi tara illi dina l-eccezzjoni hija wahda valida u ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi l-qorti tichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-akkuzat b'dan illi fil-kors tal-guri, l-gurati ghandhom jinghataw dawk id-direttivi kollha mehtiega skont il-ligi in konnessjoni mal-apprezzament li ghandu jigi

maghmul ta' dik il-parti tax-xhieda tal-Ispettur Tony Cachia indikata mill-akkuzat. Tilqa' it-tieni eccezzjoni u tordna illi is-segwenti brani mill-istqarrija ta'l-akkuzat li hija esebieta a fol.40 tal-process ghandhom jigu ikkancellati u ma ghandhomx jingiebu a konjizzjoni tal-gurati:

***M "ilu ma jkollok kaz maghna Jos?"***

***T "Iwa pero ghandi wiehed ilni ghaddej bih xi seba' snin."***

U

***M: "kellek xi sentenza sospiza inti li ghada ghaddejja?"***

***T: "Ma inwegibx."***

Tiddifferixxi l-kawza *"sine die"*, sakemm ikun maghruf l-ezitu ta' xi appell eventwali, u jekk ma jkunx hemm tali appell, sakemm il-kawza jmissha t-turn taghha biex tinstema' minn din il-Qorti bil-gurati.

Sadattant l-akkuzat jibqa' fl-istess stat li huwa llum ghar-rigward tal-liberta' provizorja.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur